# Il-kaċċaturi issa prattikament għandhom disa' xhur minn tnax biex jikkaċċjaw

## L-illaxkar tar-regolamenti tal-kaċċa għall-Fenek Selvaġġ se jwassal għal żieda fl-illegalitajiet ambjentali u tal-kaċċa

L-emendi għal-liġijiet tal-kaċċa għall-Fenek Selvaġġ li tħabbru għal għarrieda fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet mill-gvern prattikament ifissru li l-gvern fetaħ idejh mal-kaċċaturi li b'seħħ immedjat qed jingħataw disa' xhur minn tnax biex ikunu jistgħu joħorġu għall-kaċċa.

Apparti l-ħames xhur tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa (Settembru-Jannar) u l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa li jkun miftuħ għal tliet ġimgħat (f'April), b'daqqa ta' pinna issa l-kaċċaturi ngħataw tliet xhur oħra addizzjonali biex ikunu jistgħu jikkaċċjaw għall-Fenek Selvaġġ fi staġun li jestendi minn Ġunju sa Awwissu kull sena. B'hekk issa f'disa' xhur tas-sena se jkunu jistgħu joħorġu għall-kaċċa.

L-emendi tal-2019 għar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ li jaqgħu taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tħabbru mill-Ministru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima bi ftehim mas-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali permezz tal-Avviż Legali 100 tal-2019.

Għalkemm l-avviż legali jemenda l-hekk imsejħa Liġi għall-Protezzjoni tal-Ambjent, wieħed jistaqsi fejn hu l-interess tal-ħarsien tan-natura f'dan it-tibdil. L-avviż legali ppubblikat nhar il-Ġimgħa u li daħal fis-seħħ mill-ewwel, ineħħi żewġ restrizzjonijiet kruċjali:

a. Fejn qabel min kellu l-liċenzja għall-kaċċa tal-Fenek Selvaġġ seta' biss jikkaċċja bil-permess tas-sidien tal-art, dan issa nbidel biex il-kaċċa għall-Fenek Selvaġġ tista' ssir f'kull post fejn hi permessa l-kaċċa għall-għasafar
b. Fejn qabel kien hemm r-restrizzjoni li biex jiġu mħarrġa l-klieb riedu bilfors jinżammu b'ċinga, din issa tneħħiet ukoll

Ir-riperkussjonijiet ta’ dawn l-emendi huma varji. L-ewwel u qabel kollox il-fatt li issa se jkunu permessi l-kaċċa kullimkien u l-użu tal-klieb mingħajr restrizzjonijiet matul l-istaġun tal-bejta ta’ ħafna mill-għasafar se jkun kaġun ta’ tfixkil. It-tieni, kaċċaturi li jużaw staġun bħal dan bħala paraventu biex joqtlu l-għasafar li jbejtu f’Malta u għasafar oħrajn tal-passa li jgħaddu minn fuq Malta tul ix-xhur tas-sajf (bħalma huma l-għasafar tal-plajja) issa se jkunu liberi aktar minn qatt qabel biex jagħmlu li jridu. Wieħed irid ifakkar li ftit xhur biss ilu, f’Awwissu li għadda, qatgħa ta’ 18-il Ċikonja Bajda ġiet esterminata fuq perjodu ta’ ġimgħa matul l-istaġun miftuħ tal-kaċċa għall-Fenek Selvaġġ, perjodu li matulu l-kaċċaturi jistgħu jużaw is-senter.

Ir-regolamenti jkopru wkoll għadd ta’ siti Natura 2000 fejn hija permessa l-kaċċa. Filwaqt li qabel l-kaċċa għall-Fenek Selvaġġ kienet permessa biss fuq art privata bil-permess tas-sid tal-art, bl-oġġettiv prinċipali ta’ dan ikun il-pest control biex jiġu mħarsa l-uċuħ tar-raba’, dan issa qed jiġi estiż għal territorju ferm akbar. Ħafna mill-art fejn insibu siti Natura 2000 hija art tal-gvern li issa se tkun miftuħa għall-kaċċa tal-Fenek Selvaġġ.

BirdLife Malta ssibha diffiċli li tifhem kif l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), li supposta hija l-gwardjana tas-siti Natura 2000 li għandna fil-Gżejjer Maltin, tat il-kunsens tagħha għal dan it-tip ta’ tfixkil – deċiżjoni li hija kundannabbli.

It-tħabbir ta’ dawn l-emendi jsegwi staġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa li matulu l-infurzar kien fl-inqas livelli għal dawn l-aħħar snin. Is-sitwazzjoni qed tirrepeti ruħha kull staġun tal-kaċċa, bil-pulizija mhix qed tlaħħaq u bis-sitwazzjoni saħansitra agħar f’Għawdex fejn it-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) tal-Pulizija ma titħalliex taħdem.

Fid-dawl ta’ dawn l-aħħar żviluppi li tħabbru ġimgħa biss qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Kap Eżekuttiv ta’ BirdLife Malta Mark Sultana sostna: “Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri qed ikompli jagħti kas biss tat-talbiet tal-kaċċaturi biex jillaxkalhom il-liġijiet, imma mbagħad jinjora għalkollox il-pariri tal-Kumitat Ornis biex iwaqqaf Wildlife Crime Unit. Issa aktar minn qatt qabel, b’dawn il-liġijiet laxki, l-infurzar huwa responsabbiltà u ħtieġa kruċjali biex ikun żgurat li l-liġijiet ambjentali ta’ Malta qed jiġu rispettati minn kulħadd.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Holoq utli: http://bit.ly/2Em3CYm**

- Skont il-Game Reporting Data Report għall-2018 tat-Taqsima għar-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (WBRU), is-sena l-oħra l-kaċċaturi rrappurtaw li qatlu biss 14-il Fenek Selvaġġ u qabdu biss 2 bix-xbieki. Dan jikkuntrasta mat-total ta' 2,691 liċenzja tal-kaċċa għall-Fenek Selvaġġ u s-56 liċenzja għall-qbid tal-Fenek Selvaġġ li nħarġu fl-2018.

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-FNccWzS9to**

1-4. Ritratti tal-Fenek Selvaġġ (ta' Aron Tanti u Alvin Farrugia)
5-7. Ritratti taċ-Ċikonji Bojod li nqatlu f'Awwissu 2018 (ta' Alice Tribe)